



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Lussemburgu, 20 ta' Ġunju 2016
(OR. en)

10393/16

COAFR 187
ACP 94
CFSP/PESC 509
RELEX 540
MIGR 119
POLMIL 64
CIVCOM 119

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	20 ta' Ġunju 2016
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	9807/16
Suġġett:	Is-Saħel - Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Saħel, kif adottati mill-Kunsill fit-3477 laqgħa tiegħu li saret fl-20 ta' Ġunju 2016.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sahel

1. Sena ilu, l-iffirmar tal-Ftehim ta' Paċi u Rikonċiljazzjoni tal-Mali kien jirrappreżenta tappa fundamentali għall-paċi u l-istabbiltà fis-Sahel. Fil-preżent, is-sitwazzjoni fil-Mali u fis-Sahel turi progress. Madankollu, għad baqa' sfidi nazzjonali, reġjonali u transnazzjonali importanti. Illum, l-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha għall-appoġġ tar-reġjun kif deskritt fil-Pjan ta' Azzjoni Reġjonali għas-Sahel 2015-2020 adottat fl-20 ta' April 2015, u għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Paċi u Rikonċiljazzjoni tal-Mali, flimkien mal-membri l-oħra tal-Komunità ta' medjazzjoni u dik internazzjonali.
2. L-UE tfaħħar lill-mexxejja politiċi mill-ħames pajjiżi tal-G5 tas-Sahel: il-Mauritanja, il-Mali, il-Burkina Faso, in-Niġer u ċ-Chad, kif ukoll tal-Unjoni Afrikana, l-ECOWAS u n-NU fl-affrontar tal-isfidi enormi ta' sigurtà, migrazzjoni, governanza u żvilupp li jiffaċċa r-reġjun, u tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha li tappoġġa inizjattivi mmexxija mill-pajjiżi u daww reġjonali bħall-G5 tas-Sahel. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jilqa' t-tieni laqgħa ministerjali msejja mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ), li saret fis-17 ta' Ġunju fi Brussell, mal-Ministri għall-Affarijiet Barranin, kif ukoll mal-President u s-Segretarju Permanenti tal-G5 tas-Sahel. Il-Kunsill jistieden lir-RGħ, ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għas-Sahel, lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex ikomplu bl-isforzi tagħhom biex ikomplu jsaħħu s-sħubija bejn il-G5 tas-Sahel u l-UE. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-laqgħa trilaterali mal-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-Libja, in-Niġer u ċ-Chad dwar il-ġestjoni tal-fruntieri li saret fil-marġni tal-laqgħa tal-G5, fejn ir-RGħ aċċentwat il-ħtieġa għal kooperazzjoni konkreta.

3. L-UE tenfasizza l-importanza li jinżamm l-involvement attiv fir-reġjun tas-Saħel, inkluż fir-rigward ta' pajjiżi ġirien tar-reġjun tal-Magreb u l-Libja. L-UE għandha rwol importanti fir-reġjun, bl-applikazzjoni tal-firxa sħiħa ta' strumenti tagħha fil-qasam tad-diplomazija, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp fit-tul, l-appoġġ għad-drittijiet tal-bniedem, l-isforzi għall-istabbilizzazzjoni, il-bini tar-reżiljenza, l-assistenza umanitarja, u s-sigurtà, inklużi missjonijiet tal-PSDK. Il-Kunsill ifaħħar il-progress li sar fl-implimentazzjoni ta' approċċ komprensiv fis-Saħel. Dan jenfasizza l-hteġa li jiġi żgurat li l-istrumenti disponibbli jintużaw b'mod strateġiku u kkoordinat biex jinstabu effiċjenzi u sinerġiji, u jiġu indirizzati l-kawżi sottostanti tal-instabbiltà u l-migrazzjoni irregolari.
4. L-UE tilqa' r-ritorn tal-ordni kostituzzjonali fil-Burkina Faso, li għaliha l-UE kienet sieħba dedikata, u l-elezzjonijiet li saru fin-Niġer u ċ-Chad. Hija ttenni wkoll l-impenn tagħha li tappoġġa proċessi demokratiċi inklużivi u trasparenti, b'mod partikolari djalogu politiku, istituzzjonijiet u atturi demokratiċi ewlenin, u żvilupp sostenibbli li jkunu ta' benefiċċju għall-popolazzjoni kollha u li huma marbuta b'mod profond mat-titjib tas-sitwazzjoni tas-sigurtà, kif iddikjarat fl-Istrateġija tal-UE għas-Sigurtà u l-Iżvilupp fis-Saħel.
5. L-UE tikkundanna bil-qawwa l-attakki terroristiċi kollha mwettqa minn AQIM, Da'esh, Ansar Dine, u Boko Haram u gruppi affiljati tagħhom kontra l-popolazzjoni ċivili, il-forzi nazzjonali u internazzjonali fin-Niġer, il-Mali, il-Burkina Faso u l-Kosta tal-Avorju, kif ukoll kontra l-Missjoni Multidimensjonali Integrata tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Istabbilizzazzjoni fil-Mali (MINUSMA). Hija tagħti ġieħ lill-vittmi ċivili tal-vjolenza terroristika u s-sagrifiċċji li għamlu t-truppi tal-pajjiżi impenjati biex jappoġġaw l-istabbilizzazzjoni tas-Saħel. Hija tissottolinja l-importanza li l-awturi jitressqu quddiem il-ġustizzja u tilqa' l-impenn kontinwu ta' Franza permezz tal-Operazzjoni Barkhane, li tibqa' essenzjali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu fis-Saħel. F'dan ir-rigward, l-UE tissottolinja li l-partijiet kollha għandhom jiżguraw il-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili, inkluż il-persunal tan-NU u l-ħaddiema li jagħtu l-għajjnuna umanitarja, kif ukoll jirrispettaw id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Liġi Umanitarja Internazzjonali.

6. L-UE tibqa' mħassba dwar il-pass tal-progress u l-implimentazzjoni modesta tal-Ftehim ta' Paċi u Rikonċiljazzjoni fil-Mali sal-lum. L-UE tappella lill-partijiet firmatarji kollha biex jagħmlu l-almu tagħhom biex jimplimentaw malajr il-Ftehim u biex iwettqu l-impenji magħmula f'dan ir-rigward, inklużi l-proċessi ta' deċentralizzazzjoni u rikonċiljazzjoni, l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Żvilupp għat-tramuntana tal-Mali u l-aċċellerar tar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà (RSS) u l-proċess ta' Diżarm, Demobilizzazzjoni u Reintegrazzjoni (DDR). L-UE tilqa' l-progress li sar mill-partijiet firmatarji sabiex jaqblu fuq il-prinċipji u l-iskedi ta' żmien għal arranġamenti interim ta' kondiviżjoni tal-poter fit-tramuntana fil-Kumitat ta' Segwitu fit-13 u l-14 ta' Ġunju. B'mod speċjali, l-UE thegġegħ lill-partijiet kollha biex jimplimentaw l-amministrazzjonijiet transitorji maqbula, kif ukoll biex jippreżentaw listi komprensivi u deċiżi minn qabel għall-bażi tal-eks ġellieda ribelli. Dawk li qed ifixxlu l-proċess ta' paċi ser jinżammu responsabbli għall-konsegwenzi tal-atti tagħhom. Il-bini ta' paċi dejjiema u inklużiva, b'mod partikolari bl-involvement attiv tan-nisa u l-gruppi vulnerabbli, tibqa' tal-akbar importanza. L-UE tfaħħar ir-rwol kruċjali tal-Alġerija fil-proċess ta' paċi tal-Mali. L-UE tappoġġa bil-qawwa l-ħidma ta' MINUSMA u l-kooperazzjoni mill-qrib tagħha, inkluż mar-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU. L-UE ser tkompli tappoġġa l-RSS u d-DDR, f'koordinazzjoni mill-qrib ma' MINUSMA u l-missjonijiet tal-PSDK. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-parteciċipazzjoni mill-Istati Membri tal-UE fil-MINUSMA, l-EUTM Mali u l-EUCAP Sahel Mali u EUCAP Sahel Niger.
7. L-UE hija allarmata biż-żieda fil-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, drogi u armi fir-reġjun tas-Sahel. Dawn l-attivitajiet illegali għandhom impatt negattiv fuq l-istabbiltà u s-sigurtà tar-reġjun. Huma wkoll sors ta' dħul għal gruppi terroristiċi u theddid ieħor għall-istabbiltà fis-Sahel. L-UE hija mħassba wkoll dwar ir-riskju ta' networks kriminali li jimminaw l-istat tad-dritt, l-awtorità tal-istat u l-funzjonament tajjeb tas-sistemi tas-sigurtà u l-ġustizzja tal-pajjiżi fir-reġjun. L-UE tinsab lesta biex taħdem mal-pajjiżi fir-reġjun biex tistabbilixxi miżuri effettivi biex tfixxkel l-operazzjonijiet ta' networks kriminali u ta' mudelli ta' negozju illegali relatati. L-appoġġ għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-qasam tas-sigurtà għall-pajjiżi tas-Sahel huwa prijorità ewlenija, u l-UE u l-Istati Membri huma impenjati li jużaw l-istrumenti kollha xierqa biex jintlaħaq dan l-oġġettiv.

8. L-UE tqis li huwa kemm urġenti kif ukoll essenzjali li tiġi indirizzata ż-żieda fl-għadd ta' migranti irregolari li jħallu l-Afrika tal-Punent mis-Sahel bil-għan li jaslu l-UE, b'mod partikolari t-transitu tagħhom min-Niger lejn il-Libja, fejn ta' sikwit jissugraw ħajjithom fil-proċess. Abbażi tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Belt Valletta u b'referenza għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Aspetti Esterni tal-Migrazzjoni tat-23 ta' Mejju 2016, l-UE tfakkar li l-kriżi tal-migrazzjoni kif inhi bħalissa teħtieġ reazzjonijiet kemm immedjati kif ukoll fit-tul permezz ta' approċċ usa' u bbilanċjat, ibbażat fuq il-prinċipju ta' responsabbiltà reċiproka u djalogu kif ukoll l-indirizzar effettiv tal-kawżi sottostanti. Il-kooperazzjoni fuq il-kwistjonijiet kollha relatati mal-migrazzjoni, inkluż dwar ir-ritorn u r-riammissjoni fil-pajjiżi ta' oriġini, tibqa' kruċjali. Huwa importanti li jiġu indirizzati l-kawżi sottostanti tal-migrazzjoni irregolari fir-reġjun tas-Sahel, inkluż permezz ta' sforzi biex jiżiedu l-iżvilupp u s-sigurtà tal-bnedmin. It-tiżiħ tal-ġestjoni integrata ta' kwistjonijiet transfruntieri huwa element kruċjali għall-istabbiltà u s-sigurtà tar-reġjun tas-Sahel u l-pajjiżi ġirien. L-UE ttenni l-impenn tagħha biex tappoġġa l-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-ġestjoni integrata tal-fruntieri fir-reġjun tas-Sahel kif ukoll madwar il-Lag Chad, permezz ta' azzjonijiet fl-oqsma tal-bini tar-reżiljenza, il-governanza, l-iżvilupp u s-sigurtà kif ukoll bħala parti minn approċċ komprensiv ġenerali.
9. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jieħu nota tal-proposta mill-Kummissjoni Ewropea dwar l-istabbiliment ta' Oqfsa ta' Sħubija ġodda għal ġestjoni aħjar tal-migrazzjoni l-ewwel mal-pajjiżi terzi ta' prijorità ta' oriġini u ta' transitu.

10. L-UE tilqa' l-kontribut tal-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika (EUTF) bħala għodda addizzjonali importanti biex jintuża strateġikament biex jirrinforza l-approċċ komprensiv għall-istabbiltà, is-sigurtà u r-reżiljenza fis-Saħel. L-UE ser tkompli tintensifika l-impenn mal-pajjiżi tas-Saħel abbażi tal-prinċipju ta' responsabbiltà reċiproka. F'dan il-kuntest, il-proġetti tal-EUTF, maħsuba biex jindirizzaw ħtiġijiet ivvalutati u biex jinkiseb impatt li jista' jitkejjel kemm immedjatament kif ukoll fit-tul, b'mod sostenibbli, ser jibqgħu essenzjali bħala parti mis-snin twal ta' sforzi ta' kooperazzjoni tal-UE fir-reġjun. L-UE tilqa' l-proġetti adottati, fuq it-talba tas-sħab tagħna tal-G5 tas-Saħel, fost l-oħrajn, il-proġetti tas-sigurtà u l-ġestjoni tal-fruntieri sabiex jiġi żgurat kontroll territorjali aktar effettiv u biex jiġu indirizzati b'mod aktar effettiv il-flussi illeċiti u t-traffikar. L-UE tenfasizza l-ħtieġa ta' koordinazzjoni mill-qrib fost id-diversi inizjattivi, u aġenda tar-RSS b'terminu itwal.
11. L-UE tenfasizza l-importanza ta' approċċ komprensiv biex jiġu indirizzati l-isfidi multipli tat-tkabbir demografiku, u tafferma mill-ġdid li ż-żgħażaġħ huma prijorità ewlenija fis-Saħel. L-offerta ta' edukazzjoni bażika inklużiva, taħriġ professjonali kif ukoll opportunitajiet ta' impjieg, il-ħolqien tal-impjiegi u prospetti ekonomiċi aħjar għaż-żgħażaġħ hija essenzjali sabiex jiġi kkonsolidat il-progress f'termini ta' żvilupp, biex jiġi miġġieled l-estremiżmu vjolenti u r-radikalizzazzjoni, u biex tiġi evitata żieda fil-pressjonijiet migratorji. L-UE tappella għal inizjattivi inklużivi u bbażati fuq is-sess tal-persuna maħsuba biex isaħħu r-rwol essenzjali tan-nisa f'soċjetajiet tas-Saħel. L-indirizzar tat-tkabbir demografiku ser ikun jeħtieġ ukoll progress aħjar dwar l-awtonomizzazzjoni tan-nisa u l-opportunitajiet ta' edukazzjoni indaqs għall-bniet sabiex jiġi żgurat żvilupp sostenibbli, tkabbir u prosperità fir-reġjun.

12. L-UE tenfasizza l-kontribut kontinwu u li qed jevolvi għall-istabbiltà fir-reġjun tas-Saħel permezz tal-missjonijiet tal-PSDK tagħha fil-Mali u n-Niġer, b'mod partikolari EUCAP Sahel Mali, EUTM Mali u EUCAP Sahel Niġer, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-gvernijiet ospitanti tagħhom. L-UE tissottolinja l-importanza ta' impenn akbar mar-reġjun, inkluż permezz ta' tkomplija fuq l-isforzi tal-PSDK bħall-ġħoti ta' taħriġ u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-appoġġ għall-kooperazzjoni reġjonali tal-G5 tas-Saħel. Dan l-impenn imsaħħaħ għandu jmur id f'id ma' koordinazzjoni msaħħa bejn il-missjonijiet tal-PSDK fis-Saħel, strumenti u programmi oħra tal-UE u tal-Istati Membri fir-reġjun, inkluż il-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-UE għall-Afrika (EUTF), kif ukoll fil-qafas tal-inizjattiva dwar it-Tisħiħ tal-Kapaċitajiet b'appoġġ għas-Sigurtà u l-Iżvilupp (CBSD). Filwaqt li jżomm l-attenzjoni fuq il-mandati ewlenin, il-Kunsill jistieden lis-SEAE, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u f'kooperazzjoni mas-servizzi tal-Kummissjoni, biex jeżamina aktar il-possibbiltajiet għar-reġjonalizzazzjoni tal-missjonijiet tal-PSDK mill-aktar fis possibbli.
-